21.10.2009

B7-0095/2009 }
B7-0096/2009 }
B7-0098/2009 }
B7-0109/2009 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Pascal Canfin**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Is-Sammit EU-Stati Uniti li ġej u l-Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm bżonn li l-ħidma tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku tkompli sabiex jintlaħaq ***l-għan ta' suq*** Transatlantiku ***integrat*** sal-2015 billi jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ, ***minħabba li l-kisba tiegħu hi essenzjali biex jitnieda mill-ġdid it-tkabbir u l-irkupru ekonomiku***, | D. billi hemm bżonn li l-ħidma tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku tkompli biex jintlaħaq ***il-funzjonament aħjar tas-suq*** Transatlantiku billi jitnaqqsu l-ostakli ***mhux ġustifikati*** għall-kummerċ, |

Or. en

21.10.2009

B7-0095/2009 }
B7-0096/2009 }
B7-0098/2009 }
B7-0109/2009 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Pascal Canfin**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Is-Sammit EU-Stati Uniti li ġej u l-Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-UE u l-Istati Uniti se jkunu kkonfrontati minn konsum globali tal-enerġija li qed jikber u mir-rekwiżit li jiġu implimentati impenji globali għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima li għandu jkun hemm ftehim dwarhom f'Kopenħagen, ***u billi l-istandards u l-miżuri ġodda biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija m'għandhom la joħolqu xkiel ġdid għall-kummerċ Transatlantiku u lanqas inaqqsu s-sigurtà u s-sikurezza tal-materjal fissili,*** | G. billi l-UE u l-Istati Uniti se jkunu kkonfrontati minn konsum globali tal-enerġija li qed jikber u mir-rekwiżit li jiġu implimentati impenji globali għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima li għandu jkun hemm ftehim dwarhom f'Kopenħagen, |

Or. en

21.10.2009

B7-0095/2009 }
B7-0096/2009 }
B7-0098/2009 }
B7-0109/2009 } RC1/Am. 6

**Emenda 6**
**José Bové**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Is-Sammit EU-Stati Uniti li ġej u l-Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jittama li fis-Samit iż-żewġ partijiet jaqblu li ***l-konklużjoni b'suċċess tar-Rawnd ta' Doħa għandha tinkludi miżuri*** sabiex tiġi evitata l-volatilità tal-prezzijiet agrikoli u n-nuqqas tal-ikel; jistieden lill-mexxejja ***sabiex ma jinsewx l-għan aħħari tal-iżvilupp ta' dan ir-rawnd u*** biex jonoraw l-impenn tagħhom li jonfqu 0.7 % tal-Prodott Gross Domestiku tagħhom għall-koperazzjoni ta' żvilupp; ***jenfasizza l-bżonn li jiġu kkunsidrati l-aġġustamenti introdotti reċentement f'riformi CAP u jixtieq jara aġġustamenti simili fil-Farm Bill tal-Istati Uniti; ifakkar fl-iżviluppi fir-rigward ta' kwistjonijiet fejn qabel kien jeżisti kunflitt, bħall-każ tal-ormoni fiċ-ċanga, il-klorur fit-tiġieġ u l-awtorizzazzjoni ta' ċerti prodotti ġenetikament modifikati; jinsab kunfidenti li, permezz ta' djalogu kontinwu, il-kwistjonijiet li jaffettwaw il-kummerċ reċiproku fil-prodotti agrikoli jistgħu jiġu indirizzati qabel ma jaslu quddiem l-entitajiet għas-soluzzjoni tat-tilwim fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;*** | 15. Jittama li fis-Samit iż-żewġ partijiet jaqblu li ***l-miżuri*** sabiex tiġi evitata l-volatilità tal-prezzijiet agrikoli u n-nuqqas tal-ikel ***għandhom ikunu indirizzati b'mod adegwat;*** jistieden lill-mexxejja biex jonoraw l-impenn tagħhom biex jonfqu 0.7% tal-Prodott Gross Domestiku tagħhom għall-kooperazzjoni ta' iżvilupp; ***jittama, fil-qafas tar-relazzjonijiet agrikoli internazzjonali, li l-Ftehima Blair House tkun negozjata mill-ġdid;*** |

Or. en

21.10.2009

B7-0095/2009 }
B7-0096/2009 }
B7-0098/2009 }
B7-0109/2009 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Pascal Canfin**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Is-Sammit EU-Stati Uniti li ġej u l-Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 19. Jenfasizza li sħubija Transatlantika aktar mill-qrib ***fil-kuntest tat-tlestija ta' suq Transatlantiku sal-2015***, li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq soċjali, hi strument vitali biex tissawwar il-globalizzazzjoni u biex jiġu affrontati l-kriżijiet ekonomiċi u soċjali globali; jinnota li ħafna mill-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ u għall-investiment, li t-TEC qed jintalab ineħħi, għandhom l-għeruq tagħhom fl-isforzi intenzjonati tal-korpi leġiżlattivi biex irawmu objettivi soċjali, kulturali, ambjentali jew relatati mas-saħħa, u għalhekk m'għandhomx jitneħħew mingħajr att leġiżlattiv korrispondenti; | 19. Jenfasizza li sħubija Transatlantika aktar mill-qrib, li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq soċjali, hi strument vitali biex tissawwar il-globalizzazzjoni u biex jiġu affrontati l-kriżijiet ekonomiċi u soċjali globali; jinnota li ħafna mill-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ u għall-investiment, li t-TEC qed jintalab ineħħi, għandhom l-għeruq tagħhom fl-isforzi intenzjonati tal-korpi leġiżlattivi biex irawmu objettivi soċjali, kulturali, ambjentali jew relatati mas-saħħa, u għalhekk m'għandhomx jitneħħew mingħajr att leġiżlattiv korrispondenti; |

Or. en

21.10.2009

B7-0095/2009 }
B7-0096/2009 }
B7-0098/2009 }
B7-0109/2009 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Pascal Canfin, Reinhard Bütikofer**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, ECR**
Is-Sammit EU-Stati Uniti li ġej u l-Laqgħa tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 23 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti u lill-Kummissjoni biex jintensifikaw aktar in-negozjati tagħhom sabiex isibu soluzzjonijiet ibbilanċjati rigward, fost l-oħrajn, il-ħtiġijiet tas-sigurtà fl-ajru u l-protezzjoni tad-data fil-qasam tar-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), ir-reviżjonijiet ta' kontrolli ta' sigurtà fl-ajruporti u l-inklużjoni aktar effettiva ta' miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni transatlantika u dik internazzjonali fuq il-klima fin-negozjati ta' Kopenħagen u l-ftehimiet tal-ICAO;*** |

Or. en